MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 265/2012

**Appell Nru. 265/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Galea**

**Illum 18 t'April, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 413059M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru 2011, Jannar 2012 u Frar 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Loudes Galea u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum

minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevoka u thassaraha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' xahar prigunerija u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi hu minnu bhala fatt li bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jonathan Attard moghtija fis-26 ta' Mejju, 2004 :-
*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun*

*tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Illi pero` kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) :* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"*** *[26.2.2009] :-*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena." (Ara wkoll* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard"*** *[20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".*

Illi fil-kaz odjern tal-appellant Mario Galea, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, ghalkemm eccessiva fic-cirkostanzi, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jekk wiehed iqis il-kontravenzjoni bhala reat kontinwat.

Illi madankollu kif gara fil-kaz tal-Appell Kriminali citata supra fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, u fil-kaz ta' Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler" ser jirrizulta li fil-mori tal-appell, l-appellant jaghmel dak kollu possibbli biex hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni, u jittama li ser ikun ssalda l-ammont ta' manteniment dovut skond l-imputazzjoni, u ghalhekk ser tkun proprju sehhet *"cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti",* li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita` li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista` taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi mhux hekk biss izda talli jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas

tal-manteniment, izda biss persuna li minhabba riduzzjoni drastika fl-introjtu tieghu, sab ruhu fl-impossibilita` li jonora l-obbligu tieghu li jhallas manteniment li huwa sostanzjali. Illi fil-fatt minn meta kien inhareg originarjament id-digriet fejn gie ikkwantifikat il-manteniment pagabbli mill-appellant, l-ewwel sfaxxalu n-negozju tal-pitrolju, anki minhabba li martu bieghet l-istess truck tal-pitrolju fit-22 ta' April, 2010, li kien irendi hafna. Sussegwentement l-appellant marad b'dipressjoni u ghalhekk il-kapacita` tieghu li jiggenera introjtu prattikament zvinta fix-xejn. Dan kollu maghdud flimkien wassal ghan-nuqqas ta' ottemperanza mas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), u l-ebda raguni ohra.

Illi wkoll dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-appellant ukoll mhuwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f'dan l-inkwiet fl-isfond ta' separazzjoni personali.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn l-appellant u martu Maria Lourdes Galea hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti u b'digriet tal-erbatax (14) ta'Awwissu tal-elfejn u tmienja (2008) l-appellant gie ordnat mill-Qorti tal-Familja illi jhallas lil martu s-somma ta' hames mija u hamsin ewro (€550) fix-xahar ghal martu u mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar ghall-minuri Manuel.

Jidher illi l-appellant ma zammx ma' din l-ordni u kien moruz fil-hlas ordnat mill-Qorti ghax-xhur ta' Dicembru elfejn u hdax (2011), Jannar u Frar tal-elfejn u tnax (2012) u kien ghalhekk illi tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuza koncernanti dan in-nuqqas. Il-Qorti tal-Magistrati b'sentenza moghtija fis-sittax (16) ta' Mejju elfejn u tnax (2012) sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal xahar prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u talab riforma taghha fis-sens illi tigi konfermata d-dikjarazzjoni ta' htija izda riformata l-piena.

Ikkunsidrat:

B’verbal maghmul minn din il-Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar tal-elfejn u tlettax (2013) il-parte civile Maria Lourdes Galea infurmat lill-Qorti li ghal dak li jirrigwarda l-pagamenti msemmija fic-citazzjoni, thallsu kollha u ma kellhiex aktar pretenjoni kontra l-appellant ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Dan il-pagament daqshekk tard fil-kors ta’ dawn il-proceduri ma jbiddilx id-dikjarazzjoni ta’ htija maghmula mill-ewwel Qorti izda din il-Qorti mhiex aversa ghall-fatt illi tajjeb jew hazin l-appellant qeda l-obbligazzjonijiet tieghu u hallas dak illi huwa dovut li jhallas lil martu. F’dawn ic-cirkostanzi jista’ jkun hemm kaz ta’ temperament tal-piena. Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza “Il-Pulizija versus Publius Said” deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru tal-elfejn u tlieta (2003) fejn il-Qorti qalet, “L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-elf disa’ mija tlieta u tmenin (1983), (bl-emenda tal-1986) kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F’dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena ...”. Dana huwa proprju dak illi se taghmel din il-Qorti.

Ghalhekk taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma d-dikjarazzjoni ta’ htija, tirrevoka l-ordni ta’ ditenzjoni u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------